MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2377/2000/1

**Galaxy Holiday Resorts Limited**

**vs**

**Intramed Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 3 ta’ Novembru 2000 fejn esponiet: -

Illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' tmint elef tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm8,388.43) liema ammont hu dovut ghas-servizzi ta' "lodgings" pprestati lilha fuq ordni taghha stess.

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm-il darba sabiex thallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata sitta (6) ta' Gunju 2000, baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi *ai termini* tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, *stante* li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-kumpanija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-kumpanija attrici qieghda tannetti affidavit immarkata Dok. A *a tenur* tal-istess Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Tghid ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici is-somma ta' tmint elef tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm8,388.43).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata sitta (6) ta' Gunju 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Intramed Limited datata l-1 ta’ Dicembru 2000 (fol 16 ) fejn esponiet: -

1. Illi preliminarjament:

a. Is-socjeta` konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur u m'ghandhiex ir-rapprezentanza gjuridika tad-diversi *tour*

*operators* - li jistghu ikunu debituri lejn is-socjeta` attrici u li taghhom is-socjeta` konvenuta hija biss il-"handling agent" gewwa Malta u bhala tali l-ebda flejjes fil-pussess taghha tal-istess *tour operators*. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

b. Illi, kif jirrizulta mill-anness dokument 'X', anki l-istess socjeta` attrici accettat dan meta infurmat wiehed mit-*tour operators* in kwistjoni illi r-responsabbilta' ghall-pagament dovut kienet tieghu u mhux tas-socjeta` konvenuta;

c. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti *a tenur* tal-artikolu 2147 (B) tal-Kodici Civili;

d. Fi kwalunkwe kaz ukoll ic-citazzjoni hija nulla stanti illi
is-socjeta` attrici qieghda tippretendi ammont sostanzjali minghand is-socjeta` konvenuta u hadet ukoll affidavit f'dan
is-sens minghajr ma tat l-ebda dettalji dwar kif u ghal liema perjodi huwa dovut l-imsemmi ammont u minghajr ma esibiet l-ebda tip ta' prospett in sostenn tal-istess allegazzjoni taghha;

2. Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta m'hijiex u qatt ma kienet debitrici 'de proprio' tas-socjeta` attrici u lanqas m'hi debitrici taghha llum. Jigi rilevat ukoll illi l-unici pagamenti li qatt ghaddiet lis-socjeta` attrici kienu xi pagamenti li f'xi okkazjonijiet xi *tour operators* kienu jghaddulha sabiex hija tghaddihom fl-interess taghhom lill-istess socjeta` attrici fil-kwalita` taghha ta’ handling agent.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Galaxy Holiday Resorts Ltd datata 30 ta’ Jannar 2004 a fol 209 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fl-1 ta’ April 2004 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet taghha tal-5 ta’ Frar 2004 u innotat illi l-kumpanija konvenuta naqset li tressaq in-nota ta’ twegiba taghha fi zmien moghti lilha. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza rega’ ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel ghas-7 ta’ Ottubru 2004; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-26 ta’ Settembru 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' €19,439.78 gja Lm8,388.43 dovuta lilha ghas-servizzi ta' akkomodazzjoni pprestati lill-socjeta` Intramed Limited fuq inkarigu taghha stess fil-*Galaxy Hotel piu*` l-imghaxijiet legali. Is-socjeta` konvenuta ressqet diversi eccezzjonijiet ta' natura procedurali kif ukoll ta' natura sostantiva.

## Xhieda u Provi Prodott

Xehed **Martin Farrugia Randon[1], Sales u Marketing Manager tal-Lukanda Galaxy,** li qal li s-socjeta` konvenuta kienet klijenta tal-lukanda fis-sens li tibghat ir-*reservations* tal-klijenti ghall-akkomodazzjoni u ikel provduti fil-Lukanda. L-*invoices* mhux imhallsin jittrattaw ghall-perjodu bejn 1997 -1999.

Il-hlasijiet kienu isiru b'*cheque* mill-Intramed. Spjega li meta jircievu *fax* minghand s-socjeta` konvenuta ghar-*reservation* kienu jppreparaw *invoice* u jibghatu l-*invoice* lill-istess socjeta` konvenuta.

Ir-relazzjonijiet taghhom kienu regolati b'*Room Allocation Agreement.* Il-pagament kien isir fuq l-*invoices* u l-ahhar pagament sar fid-29 ta' Settembru 1999, b'cheque li kien *referred to drawer[2].* Eventwalment l-ammont thallas.

Is-socjeta` attrici esebiet kopja ta' korrispondenza bejn il-partijiet[3] kif ukoll ftehim[4] "*Rooms Allocation Agreement"* ghall-perjodu bejn il-31 ta' Ottubru 1997 u l-31 ta' Marzu 1998.

Xehed **Michael Soler[5]** ghas-socjeta` attrici li qal li l-ammont pretiz bhala bilanc huwa ta' Lm8,388.43 li kien ghadu pendenti, minkejja diversi interpellanzi lil Claude Muscat, hu direttur tas-socjeta` konvenuta. Kellu laqgha ma' Claude Muscat fis-27 ta' Settembru 1999 f'liema laqgha dan il-kreditu ma giex rifjutat tant li tkellmu fuq *repayment programme*, li izda, qatt ma ntbaghat minn Muscat u lanqas sar il-hlas dovut.

L-i*statements* esebiti juru ammonti dovuti bejn l-14 ta' Frar 1997 sa Awwissu 1999. Fis-seduta tal-4 ta' April 2003 **in kontro ezami** xehed li ma kien hemm ebda kuntratt iehor hlief *invoices* fuq il-*letterhead* tas-socjeta` konvenuta. Ic-

[1] Seduta tas 7 ta' Mejju 2001
[2] DOK MFR5 esebit a fol 31 tal-process.
[3] DOKTI. MFR1- MFR4
[4] DOK MFR6 a fol 31 tal-process.
[5] Affidavit a fol 152 tal-process.

cekk ta' Lm720 kien eventwalment thallas u ma kienx inkluz fl-ammonti pretizi.

Xehed **Claude Muscat**[6] u qal li s-socjeta` konvenuta taghmel xoghol ta' *handling agent* ghall-foreign *tour operators* - "*ahna r-rapprezentanti taghhom Malta."* Esebixxa ittra[7] indirizzata minn Michael Soler lil 747 Travel datat is-26 ta' Mejju 2000 biex juri li dan ukoll gie accettat mis-socjeta` attrici u li s-socjeta` tieghu mhiex responsabbli ghall-pagamenti li jsiru ghall-klijenti li jibbukkjaw it-*tour operators* barranin.

Hu xehed li kien biss ghall-perjodu imfisser fil-kuntratt esebit mis-socjeta` attrici, li kienu accettaw ir-responsabbilitajiet li jhallsu l-ammont dovuti u barra minn dan il-kuntratt, ma ffirmaw ebda kuntrartt iehor fejn accettaw, bhala *Intramed Travel Bureau* li jkunu responsabbli ghall-obbligi u pagamenti minn *foreign tour operators*. Huma dawn it-*tour operators* barranin li huma responsabbli.

Ma kien hemm ebda  bilanc dovut fuq il-perjodu kopert mill-kuntratt u ma hemm ebda kuntratt bejn il-kumpanija tieghu u s-socjeta` attrici rigward l-ammonti pretizi f'din il-kawza.

Fin-negozju taghhom, hija l-prassi li jintuza *voucher* li hu jhares lejh bhala kuntratt bejn l-operatur u l-fornitur sabiex jiskambjaw is-servizzi ta' xulxin. Il-*voucher* jinhareg mit-*tour operator* barrani li ghandu jaghti l-pagament.

Rigward l-i*statement* esebit mis-socjeta` attrici fuq l-ammont pretiz, qal li fil-*budget* tas-sena 1997 il-Gvern kien naqqas ir-rata ta' VAT applikabbli fuq is-servizzi tat-turizmu  ghal 5%  filwaqt li l-kumpanija Galaxy baghat tapplika r-rata ta' 15% li kienet tinkludih mal-prezz.

Irrefera ghall-*invoices* esebiti u qal li juri ammonti li s-socjeta` Intramed hallset lis-socjeta` attrici. Rigward ic-

[6] Seduta tal-10 ta' April 1992.
[7] DOK X a fol 158 tal-process

cekk li kien *referred to drawer*, qabel li dan eventwalment gie msarraf fil-21 ta' Novembru 1999.

Qatt ma thallas mit-*tour operators* barranin ammonti biex jghaddihom lis-socjeta` attrici. Wara li spicca l-perjodu tal-kuntratt mal-Galaxy fil-31 ta' Marzu 1998, baqa' jghaddi l-*bookings* bl-istess procedura izda peress li l-kuntratt skada, hija s-socjeta` attrici li tiehu r-riskju tal-pagamenti ghaliex s-socjeta` konvenuta ma dahletx responsabbli ghall-*bookings* li ghaddew lil-lukanda wara l-kuntratt. "*Jekk ma riedux ir-riskju setghu jghidulna."*

**In kontro ezami** ammetta li d-dokument X li esebixxa rigward 747 Travel mhuwiex mertu ta' din il-kawza. Spjega li ma jkunux responsabbli bhala *'handling agent'* ghaliex il-klijenti dejjem jaslu b'*hotel voucher* mahruga mit-*tour operator* barranija. Ghalih *hotel voucher* jirrapprezenta kreditu moghtija mil-lukanda lit-*tour operator* barrani. Huwa minnu li xi drabi t-*tour operator* jibghat il-flus lilhom biex ihallsu lil-Lukanda Galaxy. Riferibbilment ghall-*faxes* esebiti a fol 27 sa 29 tal-process, dawn intbaghtu minn Michael Soler wara l-laqgha u qal li ma kellux ghalfejn iwiegibhom ghaliex gja spjega fil-laqgha li ma kienx responsabbli ghall-hlasijiet dovuti mit-*tour operators* barranin.

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-eccezzjonijiet sollevati fid-dawl tal-provi prodotti.

## <u>ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI</u>

### <u>Legittimu Kontradittur</u>

Is-socjeta` konvenuta tghid li m'hijiex il-legittimu kontraditur u m'ghandhiex ir-rapprezentanza gjuridika tad-diversi *tour operators* - hija biss il-"handling agent" gewwa Malta u bhala tali ma zzom l-ebda flejjes fil-pussess taghha tal-istess *tour operators*.

Il-Qorti sejra tezamina n-natura guridika tal-ftehim konkluz bejn l-attur *nomine* u l-konvenut *nomine*. Dwar in-natura

guridika ta’ dan il-ftehim jezisti nuqqas ta’ qbil bejn iz-zewg partijiet *stante* illi, filwaqt li l-atturi isostnu li s-socjeta` konvenuta hija direttament responsabbli ghall-hlasijiet tal-*bookings* ta' akkomodazzjoni li jirrizultaw mill-*istatement* li esebiet, is-socjeta` konvenuta, ghajr ghall-perjodu regolat bi ftehim bl-iskritt bejn 1/3/1997 sa 31/3/1998 (Dokument a fol. 205 esebit minn Claude Muscat) ghandhom iwiegbu ghall-hlasijiet it-*tour operators* barranin. Difatti s-socjeta` konvenuta tikkontendi li ma hemm xejn dovut ghall-perjodu kopert bl-iskrittura privata. Dan ovvjament huwa kkontestat mis-socjeta` attrici u ghalhekk, anke fuq dan il-punt biss, is-socjeta` konvenuta hija l-legittima kontradittrici ghaliex tul il-perjodu kopert bil-ftehim bl-iskritt, is-socjeta` konvenuta ikkonveniet li ghandha twiegeb solidalment mat-*tour operators barranin* anke f'dak li jirrigwarda pagamenti.

Il-perm tal-kwistjoni tapplika ghall-perjodu sussegwenti, cioe` meta l-ftehim bl-iskritt skada u cioe` mill-1/4/1998 sat- 13/8/1999.

Fuq din il-kwistjoni jekk is-socjeta` konvenuta ghandhiex tirrispondi ghall-hlas, il-Qorti taqbel mas-socjeta` attrici ghal diversi ragunijiet u jirrizulta mix-xhieda ta' Claude Muscat li wara li spicca l-perjodu tal-kuntratt mal-Galaxy fil-31 ta' Marzu 1998, *"baqa' jghaddi l-bookings bl-istess procedura"*. Dan ghamlu minghajr ma avza lil-lukanda li kien hemm tibdil fil-posizzjoni tieghu.

Ukoll id-diversi dokumenti juru li s-socjeta` konvenuta kienet tibghat it-turisiti hija stess lis-socjeta` attrici anke fil-perjodu kkontestat.[8]

Claude Muscat xehed li minghajr ftehim ma jistax jinzamm responsabbli u semma' tlett tipi ta' arrangamenti li jistghu isiru bejn lukanda u *tour operators.* Izda ma ressaq ebda prova ta' din l-allegata prassi u fl-isfond tad-disposizzjonijiet legali applikabbli, din il-Qorti ma tistax

[8] Ara per ezempju, id-dokumenti a fol 62 et seq li jirrigwardaw *bookings* li saru wara l-iskadenza tal-kuntratt mibghuta minn Claude Muscat ghall-Intramed Travel Bureau lill-Galaxy Hotel.

taqbel ma’ din l-interpretazzjoni tax-xhud. Ladarba is-socjeta` attrici kellha rapport dirett ma’ dik konvenuta, din tal-ahhar ma tistax tahrab mir-responsabbiltajiet taghha b’dan il-mod.

Il-Qorti hawnhekk qed taghmel riferenza ghall-**54(1) Kodici Kummercjali**. Meta persuna jkun qed jagixxi *in veste* ta' agent ghandu l-obbligu li **"** *jagħti lit-terzi kull informazzjoni dwar sa fejn jaslu s-setgħat mogħtija lilu mill-prinċipal, u, jekk it-terzi hekk ikunu jridu, għandu wkoll jagħtihom dikjarazzjoni iffirmata minnu kif imiss sabiex juri li dik l-operazzjoni li jkun jagħmel tidħol fis-setgħat tiegħu fuq imsemmija*."

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuti qatt infurmaw lill-atturi li t-talba ghall-allogg kienet qed issir ghal xi hadd iehor jew li huma kienu qed jidhru biss bhala agenti jew bhala rapprezentanti ta’ xi persuna ohra, kif huwa l-obbligu ta’ kull agent skont id-disposizzjoni ta’ l-artikolu imsemmi. Anzi jirrizulta li kien jinbaghtu diversi *invoices* (ara l-i*statement* esebit a fol. 37 tal-process) u ma tressqet ebda prova li s-socjeta` konvenuta ilmentat jew opponiet ghal dawn l-*invoices* minhabba li ma kellhiex thallas hi. Fin-nuqqas ta’ dina l-informazzjoni, isegwi li l-atturi kienu gustifikati li jahsbu li l-konvenuti kienu qed jagixxu f’isem il-kumpanija taghhom u ghal hadd aktar.

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghall-provvedimenti tal-**Kodici Civili** li jirregolaw l-istitut tal-mandat u senjatament l**-Artikolu 1879** li jiddisponi li: “*Il-mandatarju, illi jkun gharraf bizzejjed bis-setghat tieghu lill-parti li maghha jkun ittratta f’dik il kwalita`, ma jwiegeb ghal ebda garanzija dwar dak li jkun ghamel barra minn dawk il-limiti, hlief jekk hu jkun obbliga ruhu huwa nnifsu ghaldaqshekk*.”.

Is-socjeta` konvenuta esebiet ittra mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-*tour operator* barrani, 747 *Travel* [9] u rribattiet li hu car minn din l-ittra li s-socjeta` attrici qed tirrikonoxxi li "*liability for such payment rests with 747*

[9] **DOK.X.** a fol. 159 tal-process

*Travel."* Izda din l-ittra ma tirreferix ghall-perjodu in kwistjoni kif ammetta l-istess Claude Muscat u ghalhekk m'hi ta' ebda konfort ghat-tezi tal-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti ma hemm ebda dubju li s-socjeta` konvenuta giet korrettament citata.

**Preskrizzjoni Art. 2149(b) Kap.16**

Il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu **2149(b) tal-Kap 16** u li hija ma hijiex il-legittimu kontradittrici ghaliex hija l-*handling agent* tas-socjeta` estera. Ghalhekk il-konvenuti qed jargumentaw illi l-atturi kellhom jagixxu kontra s-socjeta` estera in kwistjoni.

**L-artikolu 2149(b**) fuq imsemmi jghid li l-azzjonijiet ta' sidien ta' lukanda ghall-allogg u ikel huma preskritti wara sena. Kwindi hu car illi dan hu l-artikolu applikabbli f'kazi bhal dak odjern.

Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur/kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha senjatament :

(1) L-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika;
(2) Is-sospensjoni;
(3) L-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju **(Artikolu 2128, Kodici Civili**) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

Il-bilanc pretiz jkopri l-perjodu bejn 1997 sal-1999 (xhieda Martin Farrugia Randon) - l-ahhar *invoice* jgib id-data tat-13 ta' Awwissu 1999[10]. Is-socjeta` attriciipprezentat ittra ufficjali fis-6 ta' Gunju 2000 li giet notifikat lis-socjeta`

[10] **DOK MFR4.**

konvenuta fl-24 ta' Lulju 2000[11] u allura giet notifikata skont it-terminu ammess fl-artikolu **2130(1) tal-kap.16.** Il-kawza giet intavolata fl-1 ta' Novembru 2000.

*Inoltre* jirrizulta li fid-29 ta' Settembru 1999 inhareg cekk ta' Lm720 pagabbli lis-socjeta` attrici minn kont bankarju f'isem is-socjeta` *Intramed* u li kien ikopri numru ta' dawn l-alloggi li taghhom qed jintalab il-pagament f'din il-kawza. Dan ic-cekk gie *referred to drawer* izda eventwalment issarraf fil-21 ta' Novembru 1999 (xhieda Claude Muscat).

Huma kkonsidrati bhala atti ta' rikonoxximent tad-dejn " *il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont* ***(Artikolu 2134),*** *l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts" -Ara sentenza fl-ismijiet "* **Austin Psaila -vs - Lother Slabick"** - dec. 9 ta' Mejju 2005 App(Sede Inferjuri).

Fil-fehma tal-Qorti, dan il-pagament hu ezempju ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni minhabba rikonoxximent tad-debitu da parti tal-istess socjeta` konvenuta. Inoltre t-terminu preskrittiv gie debitament interrott bl-ittra gudizzjarja esebita in atti meta wiehed jikkonsidra li l-ahhar *invoice* ghandha d-data tat-13 ta' Awwissu 1999, cioe` inqas minn sena qabel il-prezentata tal-att gudizzjarju.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi wkoll respinta.

**<u>Nullita tac-Citazzjoni</u>**

Is-socjeta` konvenuta eccepiet in-nullita tac-citazzjoni in kwantu li s-socjeta` attrici ma tat ebda dettal dwar kif u ghal liema perjodu l-kreditu pretiz kien dovut u minghajr ma esebiet l-ebda tip ta' prospett in sostenn tal-istess allegazzjoni taghha.

**Ikkonsidrat** li din il-kawza giet intavolata a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-

[11] Fol.216 tal-process.

Dikjarazzjoni annessa, issir riferenza ghall-fatt li l-ammont pretiz hu dovut ghas "*servizzi ta' 'lodgings' pprestati fuq inkarigu ta' l-istess kumpannija konvenuta."* u hemm anness mac-citazzjoni l-affidavit rikjest mil-Ligi kif ukoll *statement tal-invoices* mertu tal-kwistjoni bid-dettalji ta' numru, *tour operator*, data u ammont.

Illi l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-sub-
artikolu (1) tal-**artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, l-eccezzjoni ma tirnexxix jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. Ara l-kawza fl-ismijiet "***Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*"**[12];

Is-socjeta` konvenuta ma qalitx taht liema sub-inciz tal-artikolu 789 qed tressaq l-eccezzjoni taghha. Inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna li skont l-artikolu 789(d) l-att gudizzjarju jrid jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega milli ligi, u mhux "*semplici ksur tal-forma preskritta"*.[13];

Illi l-ligi, tippreskrivi, fost l-ohrajn, li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba (art. 156 (1) (a) tal-Kap 12). Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha. Dan l-Artikolu pero' *"irceva fil-gurisprudenza taghna interpretazzjoni larga fis-sens li ma*

---

[12] **28.1.1998** (Kollez.Vol: **LXXXII.ii.30**) -App.Civ.

[13] Ara per ezempju, P.A.C.S.: **4.11.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Galea* vs Pawlu Cuschieri**

*giex addottat fir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem tal-istess disposizzjoni"*[14]**.**

Illi, mill-iskorta tal-gurisprudenza l-aktar assodat, jirrizulta li c-citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi[15] u l-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi imsemmija, maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1985, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "*il-formalizmu*
*esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qieghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom*" *(App.28.02.1997 -"***Charles Fino vs Alfred Fabri noe"***), u konsegwentement* "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli*" (App.24.01.1964 "***Dr.Joseph Ellul vs Jos.G.Coleiro"***) PA (RCP) "***Maurizio Urso vs Fr.Charles Cini"** *19.01.1999)*.

Illi mic-citazzjoni tohrog il-kawzali u l-oggett tat-talbiet attrici. Mill-*istatement* anness mac-citazzjoni, johorgu cari bizzejjed id-dettalji tat-talbiet attrici biex ma jhallu ebda dubbju ghas-socjeta` konvenuta dwar il-perjodu u ammont tal-kreditu pretiz. Il-Qorti hija gustifikata li thares lejn id-dikjarazzjoni u d-dokumenti annessi maghha biex tasal ghall-apprezzament tal-*validita o meno* tac-citazzjoni.

Ghalhekk ma tqiesx li c-citazzjoni odjerna hija nulla.

**Is-socjeta` konvenuta qatt ma kienet debitrici *de proprio* tas-socjeta` attrici.**

Din l-eccezzjoni fuq il-mertu hija konnessa mal-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta in kwantu li ssostni li huma t-*tour operators* barranin li huma d-debituri tas-socjeta` attrici ghall-ammont pretiz ghall-akkomodazzjoni fil-Hotel Galaxy.

---

[14] ***Vol.XXIX.I.431;XXXII.I.228;XXXIV.II.502.***

[15] App. Civ. **20.2.1935** fil-kawza fl-ismijiet **R**. **Merola pro. et vs S. Caruso** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)**;**

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal punti sollevati iktar 'il quddiem meta kkonsidrat din l-eccezzjoni preliminari.

Jirrizulta mill-provi li bejn il-31 ta' Ottubru 1997 sal-31 ta' Marzu 1998, ir-relazzjonijiet bejn iz-zewg kumpaniji kienu regolati permezz ta' ftehim bl-iskritt[16], "*Room Allocation Agreement"* iffirmat bejn is-socjeta` attrici u "*Claude Muscat of Intramed Travel Bureau, appearing hereon for and on behalf of Russian Market, maghruf bhala t-tour operator*."

Permezz tal-klawzola 14 ta' dan il-ftehim "*In the event that this agreement is being signed by a local agent/representative, they shall be deemed to be jointly and severally responsible and liable together with their principal for the execution of all obligations under the agreement unless it is expressly stated herein that they are merey acting as an intermediary and not responsible for such obligations of the principal, including payment."*

Is-socjeta` konvenuta sostniet li minkejja r-relazzjonijiet komplew bejn iz-zewg socjetajiet wara li l-kuntratt skada, b'dan ma giex estiz l-obbligu solidali li kienet assumiet imma r-riskju tal-hlas gie assunt mis-socjeta` attrici li kellha relazzjoni diretta mat-*tour operators* barranin. B'hekk ma setghetx tippretendi minghand is-socjeta` attrici l-ebda hlas ghall-ammont pretizi ghall-perjodu wara l-iskadenza tal-kuntratt. Inoltre sostniet li ma kien hemm ebda bilanc dovut ghall-perjodu kontrattwali.

Kif gja osservat, l-konvenut kellu l-obbligu li jgharraf lis-socjeta` attrici li kien qed jagixxi bhala agent u li kienu nbidlu l-parametri tar-relazzjoni li kienet topera bejniethom. Dan is-socjeta` konvenuta ma ghamlitux minkejja li kienu jintbaghtu *invoices* lilha u minkejja li baqghet taghmel il- *bookings* ghall-alloggjar hi stess. **Martin Farrugia Randon** xehed li l-"*Intramed kienet klijenta tal-lukanda fis-sens li tibghat ir-reservations."*[17] Qal ukoll li l-hlasijiet kienu jsiru mill-Intramed b'cekkijiet

---

[16] **DOK MFR6** esebit a fol 31 tal-process.

[171717] Seduta tas-7 ta' Mejju 2001.

intestati fuq isimha. Dan ma giex ikkontradett minn Claude Muscat li xehed ghan-nom tas-socjeta` konvenuta.

**Ikkonsidrat** li jinkombi fuq id-debitur li jressaq prova ta' pagament. Fil-kaz odjern, is-socjeta` konvenuta sahhqet biss li ma kenitx hi d-debitur, u ma ressqet ebda prova ta' hlas biex tiddimostra li l-kreditu ma kienx dovut. Claude Muscat xehed li ma kien hemm ebda bilanc dovut fuq il-perjodu kopert bil-ftehim bil-miktub, izda anke fuq dan il-punt baqa' ma ressaq ebda prova biex juri li hallas l-ammonti dettaljati fl-*istatement esebit (* ***Dok. MFR 7).*** Dan l-i*statement* juri prova ta' *ongoing payments* tul is-snin 1997-1999, liema pagamenti tnaqqsu sakemm inhareg il-bilanc finali. Dwar dan il-bilanc, is-socjeta` konvenuta baqghet ma uriet ebda pagament akkont jew a saldu.

Claude Muscat sostna li s-socjeta` attrici baqghet taddebita VAT fuq l-ammont mitlub bir-rata ta' 15% meta din tnaqqset ghal 5% fuq servizzi turistici. Anke dwar dan il-punt ma ressaq ebda prova.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti tqies li t-talba attrici hija ppruvata sal-grad rikjest mil-Ligi.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad l-eccezzjonijiet** tas-socjeta` konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna** lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta'
dsatax-il elf, hames mija u disgha u tletin ewro u tmienja u sebghin centezimu (€19,539.78) flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi pprestati sal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------